MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tas-6 ta' Awwissu, 2004

Numru 223/2004

**Il-Pulizija**
**Spettur Joseph Mercieca**
**V**

**CHRISTOPHER VELLA PETRONI**

**Il-Qorti;**

Rat li l-imputat **CHRISTOPHER VELLA PETRONI** ta’ tlieta w erbghin sena bin Hilary Walter u Carmen nee Petroni, imwieled Mosta nhar s-sbatax ta' Gunju 1960 u joqghod FlaT 1, 'Queensberry Court ' Triq il-Lacci, Bugibba, detentur tal-karta tal-identita` numru 472160M gie mressaq quddiemha akkuzat talli fl-ghaxra ta' Marzu 2004 ghall-habta tas-siegha w ghaxra ta' filghodu u/ jew fix-xhur ta' qabel, gewwa l-Flat 1, 'Queensberry Court ' Triq il-Lacci, Bugibba, b'diversi atti maghmulin minnu wkoll jekk fi zminijiet differenti li jiksru l-istess disposizzoni tal-ligi u li gew maghmula b'risoluzzjoni wahda, bla ordni

skond l-ligi tal-awtorita kompetenti u barra mill-kazijiet li fihom l-ligi taghti s-setgha lil privat li jarresta lil hati, arresta, zamm u/jew xort'ohra ssekwestra lil Silvia Stanica ta' nazzjonalita Rumena, kontra l-volunta taghha.

Talli hebb kontra l-istess persuna sabiex jingurjaha, jdejjaqha u/jew xort'ohra biex jghamlilha hsara.

Talli ingurja u/jew hedded lil istess Silvia Stanica bi kliem.

Il-Qorti giet mitluba sabiex f'kaz ta' htija tipprovdi ghas-sigurta ta' Silvia Stanica ai termini tal-artikolu 383 u/jew 384 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat d-dokumenti kollha esibiti inkluz l-kunsens tal-Avukat Generali datat hmistax ta' Marzu 2004 esibit a fol 5 tal-atti markat bhala dokument CSH 2.

Semghet lil imputat jiddikjara li ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha fuq riferuta nhar l-hmistax ta' Marzu 2004 kif jirrizulta mill-ezami ai termini tal-artikolu 370(4), 390(1) u 392 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta verbal a fol 6 tal-atti odjerni.

Semghet ix-xhieda prodotta mill-Prosekuzzjoni.

Ikkunsidrat:

Illi nhar t-tnejn w ghoxrin ta' Marzu 2004 **xehed Duncan Petroni** kif jirrizulta a fol 9 et seq tal-atti fejn qal li nhar l-ghaxra ta' Marzu 2004, huwa kien ghamel rapport l-Ghassa tal-Pulizija tal-Qawra li kien ircieva telefonata minn persuna ta' nazzjonalita Rumena certa Silvia Stsanica, li ma setghetx tohrog minn darha u ghalhekk ghamel rapport l-Ghassa. Ix-xhud qal li huwa l-kugin tal-imputat u sa fejn jaf hu, l-imputat kellu relazzjoni ma din Silvia Stanica u kienu gharajjes. Huwa ma nizilx fuq il-post u qaghad biss fuq dak li qaltlu Silvia Stanica li l-post kien maqful, ghalhekk ix-xhieda tieghu ma hi xejn hlief *hearsay evidence*, xhieda mhux accettabbli f'kawzi penali.

Illi nhar t-tnejn w ghoxrin ta' Marzu 2004 **xehed l-Ispettur Joseph Mercieca** kif jirrizulta a fol 11 et seq tal-atti fejn qal li nhar l-ghaxra ta' Marzu 2004, huwa kien gie mgharraf mill-Ispettur Louise Calleja li Silvia Stanica kienet qaltilha li l-imptuat li kien il-partner taghha, kien sakkaraha gewwa darha f'Bugibba. Huwa ghalhekk beda jinvestiga l-kaz u Silvia Stanica qaltlu li hija kellha relazzjoni mal-imputat u kien ilhom flimkien sentejn, pero recentement kien qed isir pussessiv dwarha. Qaltlu wkoll li lejliet kellha argument mal-imputat u kien hedditu li kienet ser titlaq mill-flat. Qaltlu wkoll li dakinhar tal-ghaxra ta' Marzu 2004 l-imputat meta hareg ghax-xoghol fis-sebgha w nofs ta' filghodu, sakkarha fil-flat u b'hekk ma setghetx tohrog minnu. Huwa kien baghat ghal imputat li kien qallu li kienet l-istess Silvia Stanica li xtaqet li tibqa gewwa fil-flat ghaliex fin-nuqqas kienet ser tahrab 'l hemm. Spicca billi baghat ghal Silvia Stanica fl-ufficju tal-Immigranti peress li ma kellhix mezzi finanzjarji sabiex tmantni lilha nnifisha, u ghalhekk kellha tigi deportata.

Illi nhar t-tnejn w ghoxrin ta' Marzu 2004 **xehed PS 746 Jeffrey Attard McCarthy** kif jirrizulta a fol 15 et seq tal-atti fejn qal li nhar l-ghaxra ta' Marzu 2004 ghall-habta tal-erbgha ta' wara nofsinhar kien mar l-Ghassa Duncan Petroni flimkien ma Silvia Stanica jirrappurtaw li l-imputat kien sakkarha gewwa l-flat biex ma tohrogx. Huwa kien sussegwentement akkumpanja lil Silvia Stanica d-dar biex tigbor hwejjigha u waqt li kien hemm, nnota li f'xi trophies kien hemm c-cwievet tal-gallarija.

Illi nhar t-tnejn w ghoxrin ta' Marzu 2004 **xehdet Silvia Stanica** kif jirrizulta a fol 19 tal-atti fejn qalet li hija xtaqet rirrinunzja ghal azzjoni kriminali stitwita kontra l-imputat u li fil-present kienet qed tghix mal-kugin tal-imputat u cioe l-istess Duncan Petroni li akkumpanjha taghmel r-rapport kontra l-imputat. Hija qalet wkoll li m'ghandiex interess fl-esitu ta' dawn il-proceduri u li ma riedet tghid xejn fuq r-rapport li ghamlet.

**L-imputat ma xehdtx f'dawn il-proceduri** u ghalhekk l-Prosekuzzjoni esibit l-istqarrija rilaxxjata minnu li tinsab esibita fl-atti markata bhala dokument Jm a fol 13. Minn

ezami ta' din l-istqarrija jirrizulta li kienet l-istess allegata vittma li talbet lil imputat jghalaq l-bieb tal-flat fejn kienet hi. Huwa jghid li dakinhar problemi bejniethom ma kienx hemm tant li kienet cemplitlu ghall-habta tad-disgha ta' filghodu biex tistaqsih fi x'hin sejjer lura u hu qalilha li kien sejjer fl-ghaxra ta' filghodu. Qal wkoll li cwievet tal-fond kellha u huwa kien jghalaq il-fond fuq rikjesta taghha ghaliex kienet suwicida. Illi l-vittma qatt ma giet mistoqsija mill-Prosekuzzjoni jekk dak li qal l-imputat a tempo vergine tal-investigazzjoni kienx veru jew le u lanqas ma gie mistoqsi Duncan Petroni dak li l-imputat allega fl-istqarrija tieghu a tempo vergine tal-investigazzjoni u cioe li Silvia Stanica qaltlu "Do you want to buy me."

Illi ghalhekk din il-kawza tiddependi biss fuq l-kredibilita ta' dak li qal l-imputat fl-istqarrija tieghu w ix-xhieda li ressqet l-Prosekuzzjoni.

Il-Qorti ser tiskarta dak li qal Duncan Petroni lil Pulizija peress li m'ghandux relevanza ghal kaz peress li fuq il-post fejn kienet allegatament imsakkra Silvia Stanica hu ma kienx mar u ghalhekk ma kienx f'posizzjoni jikkonferma jekk dak li qalet Silvia Stanica lilu kienx minnu jew le. Issa, Silvia Stanica fix-xhieda taghha, ma tghid xejn dwar l-incident; tghid biss li marret tghix ma ragel u cioe l-kugin tal-imputat u dan meta kien ghadha kemm kellha relazzjoni mal-imputat ghal perjodu ta' cirka sena w nofs.

Illi f'dawn ic-cirkostanzi il-Qorti ma thossx li l-vittma Silvia Stanica kienet veritiera f'dak li qalet lil Pulizija u kienet biss fabrikazzjoni ta' storja li hija hasbet li kellha tikkreja bhala skuza sabiex tieqaf tikkonkubixxi mal-imputat ghaliex effettivament kienet xebghet.

**Ghalhekk il-Qorti, wara li rat l-artikoli tal-ligi u cioe l-artikolu 86, 339(1)(d), 339(1)(e) tal-Kap 9 tal-Ligjiet ta' Malta tiddikjara li ma ssibx lil imputat CHRISTOPHER VELLA PETRONI hati tal-akkuzi kif addebitati fil-konfront tieghu u tillieberah minn kull imputazzjoni.**

**Tordna li l-istess Silvia Stanica tigi nvestigata mill-Kummissarju tal-Pulizija ai termini tal-artikolu 101 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta u ghalhekk tordna li kopja ta' din s-sentenza tigi komunikata lil istess Kummissarju tal-Pulizija**.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------